MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2013

Numru. 78/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Steven Zahra**

Kaz Numru: 78/2011

Illum 24 ta’ Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Steven Zahra**, ta’ tnejn u erbghin (42) sena, bin Joseph u Mary Anne neé Azzopardi, imwieled il-Kanada, nhar it-08 ta’ Settembru 1968, residenti fil-fond numru 45, Triq Sant Indrija, Xewkija u/jew Salvatur Court, Fl 16, Triq il-Luzzu,

Marsalforn, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 512786(M), akkuzat:

talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-30 ta’ Mejju, 2011, u matul l-ahhar sena ta’ qabel, gewwa Triq l-Ewropa, Victoria, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar, u fi bnadi ohra f’hinjiet differenti :

(a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura fi triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq filwaqt li kien taht l-influwenza tal-alkohol jew ta’ sustanzi ohra li jaffettwaw jew inaqqsu l-kapacitajiet tieghu kemm tal-mohh kemm tal-gisem;

(c) saq vettura kontra is-sinjali tat-traffiku indikat f’dik il-lokalita’;

(d) fl-istess data, lok u cirkostanzi, saq vettura b’manjiera perikoluza, bla kont, traskuragni u negligenti u bi *speed* eccessiv;

ukoll talli fl-istess data, zmien u matul l-ahhar sena ta’ qabel gewwa 45, Triq Sant Indrija, Xewkija, u Salvatur Court, Flat 16, Triq il-Luzzu, Marsalforn:

(e) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

ukoll talli nhar it-30 ta' Mejju, ghall-habta ta' bejn il-hamsa u it-tmienja ta' filghaxija, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Victoria:

(f) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioé Spettur Josric Mifsud u PC 883 Paul Azzopardi waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(g) u aktar talli rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-2 ta' Novembru 2011 *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. "B" – *a fol.* 10).

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-provi kontenuti fil-process u semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fit-30 ta' Mejju 2011, waqt li PC 1376 Martin Muscat kien qieghed jassisti t-tfal hergin mill-iskola fi Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex, lemah vettura bin-numru ta' registrazzjoni SNX 100 misjuqa mill-imputat b'velocita' qawwija u wara li PC 1376 ghamillu sinjal biex jieqaf, l-imputat ha zewg brejkijiet: wiehed ta' 24 metru u iehor ta' 17-il metru. Irrizulta li l-imputat ma kienx f'pozizzjoni li jsuq minhabba xorb/drogi. Minn tfittxija li saret fil-vettura imsemmija nstabet sustanza ta' lewn kannella suspettata kannabis. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat f'Marsalforn ma nstab xejn relatat mal-abbuz ta' droga. Giet ezebita stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "JG 1" – *a fol.* 39 *et seq.*).

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess tar-raza mehuda mill-pjanta kannabis)</u>**:
Illi minn tfittxija li saret fil-vettura misjuqa mill-imputat nstabet sustanza ta' lewn kannella suspettata kannabis. Xehdu rigward din it-tfittxija PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 20 *et seq.*) u kif ukoll PS 664 Jason Xerri (*a fol.* 22). Mix-xiehda u mir-rapport ezebiet mill-iSpizjar Godwin Sammut jirrizulta li effettivament fis-sustanza ta' lewn kannella nstabet is-sustanza *tetrahydrachinol* li hija sustanza li tigi mill-pjana tal-kannabis (*a fol.* 44 u kif ukoll Dok. "GS 1" – *a fol.* 46 *et seq.*).

Illi fl-istqarrija tieghu (Dok. “JG 1” – *a fol.* 39 *et seq.*), l-imputat jikkonferma li kien pejjep il-kannabis. B’hekk m’hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan taht influwenza ta’ alkohol jew ta’ sustanzi ohra)</u>**:
Illi PC 1376 Martin Muscat xehed (*a fol.* 15) kif l-imputat ma kienx f’pozizzjoni li jsuq. Da parte tieghu, PS 664 Jason Xerri (*a fol.* 22) xehed li kif meta acceda fuq il-post fejn kien gie mwaqqaf l-imputat, dan kellu riha ta’ xorb u kien agitat. Jirrizulta li minkejja li ghall-ewwel l-imputat accetta li jaghti kampjun tal-urina, eventwalment irrifjuta.
Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk: *“Nghid li jien peress li qabel kont qieghed nixrob hsibt li kienet festa. Mbaghad kif dhalt fit-triq ta’ fejn l-iskola irrealizzajt li kien hemm l-iskola”* (*a fol.* 39). Aktar tard fl-istqarrija jghid li kien ilu jixrob mid-9.00am. Jghid: *“Kont nieqaf nixtri inbid gewwa xi hanut u mbaghad hadt xi birra. Mistoqsi kemm xrobt nghid li mhux xi hafna minhabba fil-pinolla. Nghid li hadt xi erbgha, l-ahhar li hadt kien minn ghand Pierre, xi erbgha minn ghand ta’ Pennellu, xi erbgha birra minn ghand Maria. Mort ghand Kenneth, ta’ l-Aragosta. Imma l-ahhar kont ghand Pierre. Naf li hin minnhom gie Kenneth u qalli li kien gej il-warden. U minn hemm naf li gejt l’hawn fuq. Naf li Kenneth kien beda jghidli biex inmur norqod”* (*a fol.* 40). B’hekk m’hemmx dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan ta’ vettura kontra s-sinjali tat-traffiku)</u>**:
Illi jirrizulta mill-provi li dakinhar tat-30 ta’ Mejju 2011 PC 1376 Martin Muscat kien xoghol dettaljat mal-Iskola Ninu Cremona waqt il-hrug tat-tfal tal-iskola. PC 1376 Martin Muscat jghid hekk: *“[H]emmhekk it-triq hija ndikata permezz ta’ tabelli li hemm il-hrug tat-tfal tal-iskola”* (*a fol.* 15). Pero minn imkien ma jirrizulta li l-imputat saq il-vettura kontra s-sinjali tat-traffiku u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ir-Raba’ (4) Imputazzjoni**
**(Sewqan b’manjiera perikoluza, bla kont, traskuragni u negligenti u bi *speed* eccessiv)**:
Illi x’jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa wkoll pacifiku fl-ordinament guridiku taghna. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, deciza fis-6 ta’ Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.

Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan”.

Illi, kif diga nghad, jirrizulta li dakinhar tat-30 ta’ Mejju 2011 PC 1376 Martin Muscat kien xoghol dettaljat mal-Iskola Ninu cremon waqt il-hrug tat-tfal tal-iskola. PC 1376 Martin Muscat jixhed il-mod kif kien qed isuq bih l-imputat, cioé b’velocita’ qawwija u jixhed ukoll kif l-imputat ha zewg brejkijiet qawwija u halla brejkmark ta’ 17-il metru

u iehor ta’ 24 metru. PC 1376 Muscat spjega wkoll li fit-triq in kwistjoni hemm tabelli li juru li hemm hrug tat-tfal tal-iskola (*a fol.* 15).

Illi b’applikazzjoni ta’ dak li nghad fid-decizjoni kwotata hawn fuq ghall-fatti tal-kaz in ezami m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta’ kokajina)</u>**:
Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid hekk: *“Kokajina nghid li kelli pakkett u kont nilghab bih u kont hadt filghodu meta kont ix-Xewkija”* (*a fol.* 40). M’hemmx dubju ghalhekk li l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ingurja/theddid/offiza fuq il-persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku)</u>**:
Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta’ dana r-reat jista’ jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida

tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

“Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e’ indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignita’; avesse pure quest’ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all’esercizio di esse sussisterebbe sempre.”

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew ta’ persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

“This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.”

Sahansitra f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Novembru 1917 f’kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

“Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell’agente, e’ necessario ad integrare l’elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato, ma questa scienza puo’ sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell’oltraggio; di guisacche’ il reato puo’ avverarsi anche se l’ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell’oltraggiante della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato.”

Illi, fix-xiehda tieghu, l-iSpettur Josric Mifsud (*a fol.* 13 *et seq.*) jghid li waqt li l-imputat kien l-ufficju tieghu fil-prezenza ta' PC 883, l-imputat beda jheddidhom u pprova jintimidahom. Jghid ukoll li l-imputat kien aggressiv hafna. Da parte tieghu, PC 883 Paul Azzopardi spjega kif l-imputat kien arroganti u zied jghid li l-imputat *"kien jidher li qisu mhux f'sikktu"* (*a fol.* 25).

Illi mill-provi mismugha mill-Qorti ma jirrizultax li saret xi ingurja jew theddid mill-imputat vis-à-vis l-iSpettur Josric Mifsud u PC 883 Paul Azzopardi, kif rikjest taht Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ser jigi liberat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>**:
Illi l-atti processwali ma jikkontjenu ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat u anqas ma jikkontjenu l-fedina penali tal-istess imputat. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Illi jirrizulta li l-imputat ser jigi misjub hati biss tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet u li ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra. *Stante* li l-fedina penali tal-imputat ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tistax tara jekk l-imputat ghandux fedina penali nadifa jew le. Jirrizulta mill-atti processwali li l-imputat ghandu bzonn tal-ghajnuna sabiex ipoggi l-hajja tieghu fit-triq it-tajba. Jirrizulta li dak li ghamel l-imputat u li ser jigi misjub hati tieghu, huwa ghamlu minhabba li kien taht l-effett tal-alkohol. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien qieghed imiss mad-droga, kemm mar-raza tal-kannabis u kif ukoll mal-kokajina. Di fatti, l-Ufficjal Prosekutur jixhed li wara li l-imputat rega' ittiehed l-Ghassa l-ghada tal-akkadut, l-imputat kien lucidu hafna u beda jikkollabora. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata cans jirriforma hajtu u f'kaz li ma jiehux dan ic-cans hemm konsegwenzi serji.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet (3), mis-sitt (6) u mis-sebgha (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, u Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda, u Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u Regolament 8 tal-GN 292/1939 kif sussegwentement emendati, kif ukoll Artikoli 15A(1), 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Steven Zahra taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*In oltre*, b’applikazzjoni ta’ Artikolu 15(2) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta’ tmien (8) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Steven Zahra bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex

ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Steven Zahra.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€ 183.67) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ espert f’dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. “GS 2” taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------